MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 71/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**Mandy Gauci nee` Carbone**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mandy Gauci nee` Carbone detentrici tal-karta tal-identita` numru 474377(M).

Akkuzata talli:

> F'dawn il-gzejjer, f'Ottubru 2008, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita` taghha ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, li minhabba l-kariga jew l-impieg taghha, kienet fid-dmir li taghmel jew taghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamlet jew tat dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

Rat il-fedina tal-imputata li hija netta;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda; u

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'investigazzjoni shiha min-naha tal-Pulizija fuq numru ta' licenzji tas-sewqan li kienu hargu b'mod abuziv u illegali u dan anke b'ghajnuna ta' ufficjali tat-Transport Malta. Fil-fatt il-maggjor parti taghhom diga` gew trattati u decizi minn din il-Qorti kif presjeduta.

Illi l-imputata Mandy Gauci hija wkoll wahda minn dawk l-impjegati tal-Awtorita` illi giet akkuzata mill-pulizija ghaliex fuq numru kbir ta' dikjarazzjonijiet hemm il-firma u t-timbru taghha. Dawn fil-fatt kienu dikjarazzjoni bil-gurament li l-applikant kien tilef il-licenzja biex b'hekk jinghatalu licenzja gdida. Illi f'dawn il-kawzi li gew trattati u li fuqhom kien hemm kundanna, dawn kienu jghidu li ghandhom tant kategoriji ta' licenzji izda fir-realta` dawn ma kellhomx daqshekk.

Illi kien jirrizulta illi fejn l-ufficjal tal-Awtorita` kien suppost jaghti l-gurament lill-applikant dak il-hin quddiemu, ma kien isir xejn minn dan ghaliex kien hemm sistema laxka fejn la l-gurament ma kien jinghata kif kien suppost u lanqas kienet issir id-dikjarazzjoni quddiem l-istess ufficjal. Kien hemm ukoll

konfuzjoni ukoll ta’ min mill-ufficjali kellhom is-setgha li jaghti dawn il-guramenti.

**<u>XHIEDA</u>**

Xehdu diversi persuni involuti f’din l-investigazzjoni li kienu gew ikkundannati minn din il-Qorti u li d-dikjarazzjoni taghhom kienet iffirmata mill-imputata li kollha kkonfermaw illi kien hemm xi hadd li ghenhom u li kien gabilhom xi karta x’jiffirmaw li x’aktarx kienet il-formola tal-affidavit u li huma kienu jiffirmaw u mbaghad ihallu f’idejn dawk il-persuni li ghenuhom li jiehdu l-formoli lit-Transport Malta.

Lill-imputata kulhadd qal li qatt ma rawha qabel. Illi minn dawn ix-xhieda qatt ma kien hemm xi ombra ta’ dubju li l-imputata kienet involuta fic-cirku tal-hlasijiet li kienu jsiru sabiex jinhargu l-licenzji b’mod abuziv.

Xhud importanti kienet Nadia Bruno Olivier li hija impjegata tat-Transport Malta bhala Operations Manager u li apparti li taghat dettalji tal-imputata bhala stat ta’ xoghol taghha, xehdet ukoll rigward proceduri amministrattivi interni li kienu ttiehdu kontra l-imputata izda li dwarhom ma nstabitx hatja u dawn kienu jikkoncernaw din l-investigazzjoni mertu ta’ din il-kawza. Ix-xhud esebiet id-

decizjoni tal-Bord ta’ Dixxiplina imsemmi u dan jinstab a fol 88 tal-process. Id-decizjoni *inter alia* tghid hekk:

> *“Il-Bord unimament qabel li minhabba li xhieda li kienet ipprezentata hi kollha kemm hi cirkostanzjali, li s-sistema tal-I.T ma taghtix* audit trail *cara, u li s-sistema tal-*passwords *u l-*user names *ghandha hafna nuqqasijiet serji, l-allegazzjonijiet kontra Ms. Mandy Gauci nee’ Carbone ma gewx ippruvati.*
>
> *Il-Bord ghalhekk jirrakomanda li, minnufih, tieqaf is-sospensjoni mill-impjieg, u li Ms. Gauci terga’ tkompli fl-impjieg taghha daqsli kieku ma kien hemm ebda waqfa”.*

Fuq dan il-punt kien xehed in kontro ezami l-ufficjal prosekutur Angelo Gafa` li fuq mistoqsijiet tad-difiza huwa xehed illi fejn wiehed seta’ facilment jidentifika min jaghmel *print out* ta’ licenzji, mhux dejjem seta’ jkun jaf min jaghmel addizzjonijiet ta’ kategoriji ta’ licenzji.

Minn din ix-xhieda hareg ukoll illi ma kienx gie stabbilit mill-investigazzjoni li Mandy Gauci kienet tikteb il-kontenut tad-dikjarazzjoni izda x’aktarx hija kienet biss tircievi id-dikjarazzjoni diga` mimlija u ffirmata u hi kemm taghti timbru taghha u tiffirmaha.

Xehed ukoll Stephen Vella li llum pensjonant izda li kien Manager fuq il-licenzji u li fuqu spjega is-sistema tal-guramenti u fejn hareg car illi ma kienx isir gurament kif trid il-ligi ghaliex l-anqas biss kellhom kurcifiss sabiex wiehed ibusu.

Xehed ukoll Brian Farrugia bhala rapprezentant legali tat-Transport Malta li fuq is-sistema tal-affidavits huwa qal hekk:

> *"Il-procedura hija illi kif ghidt, illi l-individwu kien qed jigi quddiem l-iskrivani kollha pero' mhux bil-fors quddiem l-iskrivan li kien qieghed finalment qed jaghmel it-transaction fuq il-computer".*

Fuq domanda tad-difiza:

> *"Mela gie l-applikant, mar ghand xi hadd li m'ghandux warrant u dan ix-xi hadd li m'ghandux warrant jghaddih lill-ufficjal iehor li ghandu l-warrant."*

It-twegiba ghal din id-domanda mix-xhud kienet:

> *"Ezatt. U ghadda ghand wiehed, xi hadd li ghandu l-warrant u jkompli bil-process ta' whatever, barra l-affidavit, johrog il-licenzja jew xi tkun".*

Xehdet ukoll Beatrice Fenech li hija impjegata tal-Awtorita` bhal l-imputata illi xehdet illi saret taf li kellha l-"warrant" sabiex taghti l-guramenti wara li nqalghet din il-kwistjoni fil-Qorti u li qabel is-sistema kienet illi kienu jigu xi Managers jew xi impjegati ohra bl-affidavit lest u huma kienu biss jiffirmawh u jaghtu timbru u jerga' jitkompla biex jigi pprocessat minn dik il-persuna l-ohra.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi l-imputata hija akkuzata taht l-Artikolu 185 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi hija, fil-kariga taghha ta' ufficjal tat-Transport Malta, ghamlet jew tat dikjarazzjoni jew certifikat li kienet taf li hu falz.

Illi mill-assjem tal-provi hareg car kemm kien hemm nuqqasijiet fis-sistema tal-licenzji, partikolarment fl-"inputting" ta' dawn il-licenzji u fejn ghandu x'jaqsam meta xi hadd allegatament jitlef il-licenzja u jrid jaghmel dikjarazzjoni li huwa tilifha fejn din suppost kienet trid tigi amministrata minn xi hadd li ghandu l-"warrant" u bil-gurament.

Illi bhala premessa, ma ngabitx il-prova li l-imputata kellha din il-"warrant". Ingabet il-qaghda taghha ta' impjieg fit-Transport Malta, izda jekk kellihex dan il-poter ma ngabx. Hareg car ukoll illi minhabba din il-procedura laxka, kien

hemm ukoll sitwazzjonijiet fejn superjuri tal-imputata kienu jigu bid-dikjarazzjonijiet lesti mimlija quddiemha jew quddiem ufficjal iehor li seta' jamministra gurament, u hi kulma kellha taghmel hija li tiffirmaha. Allura, kien qed ikun hemm sitwazzjoni fejn hija ma setghetx tikkonstata jekk giex l-applikant personalment, jew jekk iffirmax din id-dikjarazzjoni hemmhekk u lanqas ma kienitx taghti l-gurament kif suppost. Hekk kienet il-prassi, u din mhux prassi li vvintawha nies bhall-imputata, izda prassi li kienet giet instigata minn superjuri taghhom illi qatt ma spjegawlhom l-import ta' gurament u l-konsegwenzi ta' meta jinghata gurament falz.

Ghaldaqstant l-imputata jew impjegati bhala qatt ma setghu jafu li dak li kienu qeghdin jaghmlu xi haga hazina.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-imputata ma kellhiex il-*mens rea* necessarja ghal kommissjoni ta' dan ir-reat u ghal dawn il-motivi qed tilliberaha minn kull akkuza fil-konfront taghha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------